MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 61

24 ta' Ottubru 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 61 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra John Buttigieg u Patrick Cutajar li talbu jiġu skużati minħabba inpenji oħra.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo, flimkien mas-Sindku R. Cutajar rreferew għall-minuta 11.4. **(Ref: T/3/3/Vol IV)** tas-seduta 59 għar-raġuni li fis-seduta preċedenti huma kienu talbu illi din tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

*"11.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li Triq il-Mellieħa għandha tkun ristretta għal one-way fid-direzzjoni lejn Triq Lewis Wettinger, filwaqt li jridu jsiru arranġamenti sabiex it-traffiku jiġi skoraġġit milli jgħaddi mill-Manikata, peress li t-triq hija limitata ħafna. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li vetturi kbar li jġorru l-merkanzija, fi triqthom minn u lejn iċ-Ċirkewwa, m'għandhomx jitħallew jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa waqt li jkunu għaddej ix-xogħol. Is-Sindku rrimarka li l-kumpanija Gozo Channel tista' tgħin ħafna f'dan ir-rigward, billi tħaddem servizz lejn Sa Maison għall-vetturi tal-merkanzija, sakemm Dawret il-Mellieħa tkun magħluqa totalment.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 60 bl-emendi t'hawn fuq, kif wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Parteċipazzjoni fil-*Youth Festival* f'Cugir, ir-Rumanija (A/5/5/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.2. u għarraf li saritlu stedina uffiċjali mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija fejn ingħataw aktar dettalji dwar l-attivitajiet mal-*Youth Festival* li qed jiġi organizzat mill-istess Kunsill. Din ser isseħħ bejn id-29 ta' April u t-3 ta' Mejju 2012 u jinkludi kemm attivitajiet sportivi, kif ukoll kulturali. Is-Sur R. Cutajar qal li parti mill-*festival* ser tikkonsisti minn kunċerti mogħtija mill-korijiet tat-tfal barranin, kif ukoll maratoni ta' 5 u 10 kilometri. Ġie ssuġġerit li jsir kuntatt mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, is-Societa` Filarmonica La Vittoria bil-għan li jipparteċipaw bil-korijiet rispettivi tat-tfal. Ippropona wkoll li jsir kuntatt mas-sinjorina Tanya Turner sabiex isir magħruf dwar jekk tixtiequx tieħdu sehem bit-tfal li jattendu l-iskola tagħha.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.2.1. Rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)

2.2.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li biex is-sewwieqa josservaw l-arranġamenti temporanji għat-traffiku, kif ippjanat jeħtieġ li jkun hemm superviżjoni mill-uffiċjali tal-infurzar ta' Transport Malta. Huwa qal li dan japplika b'mod partikulari fi Triq il-Marfa ma' Dawret il-Melllieħa, Triq Lewis Wettinger ma' Triq Qasam Barrani u t-triq tal-Wied Ta' Rdum ma' Triq il-Mellieħa.

2.2.3. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti għarraf li ftit jiem qabel ssejħet laqgħa oħra mir-*Roads and Infrastructure Directorate* fi ħdan Transport Malta dwar l-arranġamenti temporanji li jridu jidħlu fis-seħħ sakemm jitwettaq il-proġett imsemmi. Huwa aċċenna wkoll li għalkemm il-proġett kollu mistenni li jieħu sena, il-karreġġjati kollha f'Dawret it-Tunnara ser ikunu magħluqa kollha għal erba' xhur. Fl-istess laqgħa huwa talab li jkun hemm indikazzjoni tad-direzzjonijiet li għandhom jittieħdu, anke fit-telgħa ta' Selmun.

## 2.3.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u fakkar li l-perjodu ta' konsultazzjoni dwar ir-rapport skada fil-15 ta' Ottubru 2011, filwaqt li l-ditta li lilha ġie kkummissjonat l-istudju, irrevediet ir-rapport finali. Dan issa jista' jitniżżel mis-sit elettroniku tal-Kunsill www.mellieha.gov.mt. Is-Sur R. Cutajar qal li numru limitat tiegħu ser jiġi stampat u llegat. Ippropona li kopji tiegħu jiġu ppreżentati lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lill-Kap tal-Opposizzjoni Joseph Muscat, lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu, lis-Segretarju responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said, u lill-kelliemi tal-Opposizzjoni dwar l-istess qasam Stefan Bountempo. Kopji ser jitqassmu wkoll lill-għaqdiet ewlenin Melleħin.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 2.4.1. Tħejjija ta' *Energy Audit* (C/3/2/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u qal li ġiet imsejħa laqgħa ma' CHI Consultants u mal-għalliem inkarigat mill-proġett ECO Skola, fi ħdan il-Kulleġġ Maria Regina, bil-għan li jitfassal *time frame*.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 2.5.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u dwar ix-xogħol li għaddej fil-Qasam ta' Pennellu. Huwa ġibed l-attenzjoni li kienu tqegħdu numru ta' qsari fil-passat bil-ħsieb li jieħdu ħsiebhom ir-residenti. Huwa kkummenta li dawn ġew traskurati u jeħtieġ li jinbidlu.

2.5.3. Ittieħdet nota tal-punt imqajjem.

## 2.6.1. Proġett *Let's Art* flimkien ma' żgħażagħ minn Elblag fil-Polonja (P/10/10)

2.6.2. Sar aċċenn għall-minuta 2.9.3 tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li ġiet approvata applikazzjoni li saret mas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex permezz tal-Fond ta' Kofinanzjament jiġu rkuprati parti mill-ispejjeż li saru mill-Kunsill. Dan sar magħruf permezz ta' ittra datata 21 ta' Ottubru 2011. Is-somma allokata hija €1,190.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Seminar dwar problemi b'rabta mal-impjieg taż-żgħażagħ (F/3/Vol XI)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. u qal li l-Kappillan J. Caruana aċċetta li jospita s-seminar imsemmi fl-1 ta' Novembru 2011 fiċ-Ċentru Parrokkjali.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Twaqqif ta' Kumitat tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)**

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li diriġenti mill-Mellieħa Tritons Basketball u Volleyball Teams, in-Netball Team u mill-Mellieħa Athletic Club ġew mistiedna jattendu laqgħa dwar is-suġġett t'hawn fuq fil-31 ta' Ottubru 2011. Għalkemm ġie deċiż li l-Kunsill ikun rappreżentat mis-Sindku fil-kapaċita` ta' *chairman* u l-Kunsillier J. Buttigieg, huwa stieden lill-kunsillieri kollha sabiex jattendu.

2.8.3. Ittieħdet nota tat-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Inizjattivi mnedija mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)**

2.9.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li sar kuntatt mal-kumitat tal-għaqda msemmija u sar magħruf li l-istess għaqda diġa xtrat *shredder*. Is-Sur C. Debono fakkar ukoll li kienet saret talba sabiex il-Kunsill jipprovdi sitt tankijiet ħalli jintużaw għall-ħażna tal-ilma bil-għan li jissaqqew is-siġar li tħawwlu fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna. L-ispiża nvoluta hija €247.80.

2.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li la darba x-*shredder* inxtara, m'hemmx lok li jinxtara ieħor mill-Kunsill. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill approva x-xiri ta' erba' tankijiet bl-ispiża kkwotata.

**2.10.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)**

2.10.2. Saret aċċenn għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret sejħa għall-istimi sabiex jiġi stampat il-ktieb ta' David Azzopardi bit-titlu "Iz-Zija tal-Mellieħa". Skeda tagħhom ġiet imqiegħda quddiem il-Kunsill u l-prezzijiet ikkwotati kienu kif ġej:

| **Kuntrattur** | **Spiża (VAT Inkluża)** |
|---|---|
| MAS Communications | € 4,959.91 |
| Unstinting Printing | € 3,528.00 |
| Colour Image | € 3,610.00 |
| Media Consulta Malta Ltd | € 4,602.00 |
| Salander Group Co. Ltd | € 3,228.00 |

2.10.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li Salander Group Co. Ltd kienu responsabbli mill-istampar tat-tieni volum fil-Ħannieqa Kotba Melleħin - "*Quest for identity – The Mellieħa Experience*" u ddeċieda li għandha tinħareġ *purchase order* fuq l-istess kuntrattur a bażi ta' prezz u kwalita' tax-xogħol.

2.10.4. Is-Sindku stqarr li hija l-intenzjoni li dan il-ktieb jigi mniedi waqt il-Fiera tal-Ktieb li l-Kunsill ser ikun qed jieħu sehem fiha għat-tliet sena konsekuttiva.

**2.11.1. Żjara minn ġurnalisti Pollakki (T/12/1)**

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-15.1. tas-seduta preċedenti u stqarr li ż-żjara mill-ġurnalisti Pollakki issarfet fil-pubblikazzjoni ta' diversi artikoli f'pubblikazzjonijiet turistiċi fil-Polonja. *Collage* tagħhom ser jiġi nkluż fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa".

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/10/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 20/09/11 – 14/10/11
- Skeda ta' Pagamenti – 30/09/11 – 20/10/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport dwar Intervisti b'rabta mal-Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 12/10/11

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett Park tal-Familja – Terminazzjoni ta' Qbiela (P/4/6/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Settembru 2011, mibgħuta mid-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern, li magħha kien hemm ħames talbiet minn persuni li l-qbiela tagħhom ġiet itterminata b'rabta mal-proġett tal-Park tal-Familja fl-inħawi tal-Ibraġ. Dawn jammontaw €12,590 u kienu jinvolvu ħames talbiet li jvarjaw minn €183 għal €7,974.60, skont stimi li saru mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Aktar talbiet jistgħu jiġu mgħoddija hekk kif jiġu sottomessi.

4.1.3. Is-Sindku għarraf li huwa għaddej b'kuntatti mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali billi hemm talbiet li jeħtieġu aktar ġustifikazzjoni billi huma sostanzjali. Dan fid-dawl tal-fatt li rappreżentant tal-Kunsill ma kienx preżenti waqt l-ispezzjonijiet li saru mill-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura qabel saru l-istimi.

### 4.2.1. Festival Internazzjonali tal-Korijiet (A/5/1)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 24 ta' Ottubru 2011 mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn il-Kunsill intalab sabiex jospita` wieħed mill-korijiet li ser ikun qed jipparteċipa fil-*Malta International Choir Festival*. Il-kor jismu *"The Orpharium Female Chamber Choir"* mir-Russja. Is-Sindku qal li huwa avviċina lill-Kappillan Joe Caruana, li min-naħa tiegħu aċċetta li jospita` wieħed mill-korijiet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa nhar l-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2011. L-organizzaturi tal-*festival* talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdi it-trasport bejn tas-Sliema u l-Mellieħa u trattament għat-tletin membru tal-kor, wara li jintemm il-programm tagħhom. Huwa ppropona li dan jingħata fix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jospita` il-kor imsemmi.

### 4.3.1. Taħriġ dwar l-*empowerment* taż-żgħażagħ - Marzu/Mejju 2012 (Z/1/Vol V)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Ottubru 2011, mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ, fejn stiednet lill-Kunsill jinnomina persuni li jkunu jistgħu jattendu kors dwar l-*empowerment* taż-żgħażagħ dwar it-temi segwenti:

a) Oħroġ il-potenzjal tiegħek;

b) Żvilupp tal-kapaċita` ta' tmexxija;

c) Kun konxju kun b'saħħtek;

d) Ikseb iktar bis-saħħa ta' aktar studju;

e) Waqqaf is-sekwenza u kun il-bidla

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li temi li għandu jingħata taħriġ fihom huma (a) and (b), bi spiża ta' €150 kull tema.

### 4.4.1. Periklu fi Triq il-Kappillan Magri (T/3/2/Vol X)

4.4.2. Inqrat ittra datata 20 ta' Settembru 2011, mibgħuta mis-Sinjuri Carmel Sammut u Clarissa Sammut Scerri, fejn ġibdu l-attenzjoni għall-periklu li qed jiġi kkawżat għat-tfal li jattendu l-klassijiet tad-dutrina fiċ-Ċentru Parrokkjali, mit-Tnejn sal-Ħamis, bejn l-4.30pm u l-5.15pm. Għalhekk ġie suġġerit li Triq il-Kappillan Magri tingħalaq f'dan l-interval. Fuq l-istess ittra kien hemm nota mill-Kappillan Joe Caruana, fejn qed juri li huwa jaqbel ma' dan is-suġġeriment.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jista' ikun hemm opinjonijiet diversi dwar l-proposta illi tingħalaq Triq il-Kappillan Magri, għaliex ħafna ġenituri jieqfu bil-karozza eżatt quddiem il-bieb taċ-Ċentru Parrokkjali, jistennew sakemm jitilgħu t-tfal u jitilqu. Għalhekk kien hemm qbil li għandhom tissejjaħ laqgħa għall-ġenituri biex issir magħrufa l-opinjoni ġenerali, qabel tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill.

### 4.5.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku għarraf li din is-sena wkoll, il-Kumitat Olimpiku Malti ħabbar li bħala parti mill-*MOC Sports Awards*, il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna jressqu nominazzjonijiet għall-kontribut mogħti minnhom lill-isports Malti, fuq il-kriterji segwenti:

- Organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi bejn l-iskejjel tal-lokal;
- *Seminars* dwar l-isport u s-saħħa fiżika;
- Għajnuna lill-għaqdiet sportivi tal-lokal;
- Kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi ġodda jew titjib f'oħrajn eżistenti; u
- Twaqqif ta' monumenti ġodda b'tema sportiva.

4.5.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li titressaq nomina f'isem il-Kunsill a bażi tal-kontribut mogħti fir-rigward tal-oqsma segwenti:

- Partecipazzjoni minn tfal sa persuni tat-tielet eta`;
- Ħidma mal-għaqdiet sportivi fil-Mellieħa;
- Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena;
- Taħdidiet b'rabta mas-saħħa fiżika u n-nutrizzjoni fl-isports;
- Żvilupp tal-Park tal-Familja li jinkludi faċilitajiet sportivi;
- Turiżmu Sportiv fil-Mellieħa; u
- Opportunitajiet għall-Isportivi Melleħin barra minn Malta.

4.5.4. Il-Kunsill qabel li għandha titressaq nomina fuq il-kriterji msemmija hawn fuq.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Ottubru 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*Petty Cash* bejn l-20 ta' Settembru u l-14 ta' Ottubru 2011.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn it-30 ta' Settembru u l-20 ta' Ottubru 2011.

6.4. Is-Sindku rrefera għall-pagamenti minn 028 sa 038-10-11 u bejn 053 sa 059-10-11, li jinvolvu refużjoni tal-ispejjeż minfuqa fuq biljetti tal-ajru b'rabta mal-konferenza li saret f'Turin l-Italja bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011 u fuq il-Proġett *Let's Art* **(Ref: P/10/10)** li żvolġa f'Elblag fil-Polonja bejn l-14 u l-24 ta' Awwissu 2011, rispettivament. Is-Sur R. Cutajar fakkar li saret talba lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex dawn jiġu rkuprati permezz tal-Fond ta' Kofinanzjament.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

7.2. Is-Sindku għarraf li l-*Contract Manager* inkarigat mir-*resurfacing* tat-toroq – M.P. & D.C. Ltd - ikkwotaw is-somma ta' €5,000 bħala dritt professjonali sabiex issir stima li tinkludi d-disinn strutturali ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, li jinkludi l-ħitan li jżommu t-triq, flimkien mal-pjanti meħtieġa, li minn fuqhom ikunu jistgħu jittieħdu l-qisien. Għab-bażi tal-istess qisien tkun tista' ssir stima tax-xogħlijiet involuti fil-kostruzzjoni tat-triq. Minħabba li l-proġett huwa kumpless, il-*Contract Manager* għarraf li sabiex isir l-istima jeħtieġlu jinvolvi *structural engineer* li qed jitolbu depożitu ta' 50% tas-somma kkwotata qabel jibda jħejji l-istima tiegħu.

7.3. Is-Sindku għarraf li saret spezzjoni fi Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq l-Għar u Casa flimkien mal-Perit Daniel Cordina mir-*Roads and Infrustructure Directorate* fi ħdan Transport Malta. Sar magħruf li Transport Malta ser ikomplu jasfaltaw Triq l-Għar u Casa sa fejn hemm l-ewwel bini, filwaqt li aktar 'il ġewwa ser tittejjeb l-aċċessibilita` billi t-triq tingħata l-konkos. Fid-dawl tal-ispiża kkwotata fir-rigward ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, il-Kunsill kien tal-opinjoni li m'għandux jibqa' miexi fuq il-proposta li tinvolvi l-kostruzzjoni tal-istess triq. Sar magħruf li Transport Malta qed tippjana li sa Marzu 2012 tkun lestiet Triq il-Mellieħa fil-Manikata, kemm-il darba l-Kunsill jgħin finanzjarjament bil-fondi allokati permezz tal-*public private partnership*.

7.4. Is-Segretarju staqsa wkoll dwar jekk Transport Malta għamlitx stima tax-xogħlijiet involuti, għar-raġuni li biex isir tibdil fil-kuntratt tal-*Public Private Partnership*, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jkun jirrikjediha qabel jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

## 8.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena (S/4/4)

8.2. Is-Sindku għarraf li huwa avviċina lis-Sur Carmelo Bartolo dwar in-nomina tiegħu sabiex iservi fuq is-sotto-kumitat li għandu jirrevedi l-kriterji li jirregolaw l-għoti tal-unuri. Is-Sur C. Bartolo aċċetta n-nomina.

8.3. Billi l-Kunsillieri J. Buttigieg u P. Cutajar ma kinux preżenti għas-seduta, il-Kunsill qabel li jipposponi d-dikussjoni fuq dan is-suġġett.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-Artiklu 34 (b) tal-Att XVI tal-2009 li emenda l-Att dwar Kunsilli Lokali jipprovdi li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista', wara li ssir talba ġustifikata u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jawtorizza l-impieg tal-persunal klerikali aktar mil-limiti stabbilit mil-liġi;**

**Billi wara talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ingħata permess skont ittra datata 16 ta' Settembru 2009, sabiex jiġi mpjegat ir-raba' uffiċjal fi Skala 15 – wieħed 'il fuq mil-limitu stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali Riżorsi Umani; u**

**Billi saret sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali kollha, kif ukoll saru tliet serje ta' intervisti mill-Bord tal-Għażla fost persuni li ġew indikati mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ (Ref: 203157);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sur Jonathan Micallef ta' 46, 'Clivia Flats', Triq it-Turisti, Qawra, San Pawl il-Baħar, b'effett mill-1 ta' Novembru 2011, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 tal-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

9.2. Tressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal-Għażla mħejji wara l-intervisti illi saru fit-12 ta' Ottubru 2011.

9.3. Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 10.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2011 (A/5/3/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku ppropona li Milied Mellieħi 2011 jibqa' bażikament fuq l-istess linji tas-snin ta' qabel, għalkemm għandu jkun hemm tidbil fil-kontenut. Filwaqt li għandha terġa tintrama t-tinda f'Misraħ il-Parroċċa, l-attivitajiet jistgħu jiġu estiżi għall-Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fejn ikun hemm rokna dedikata għat-tfal. Is-Sur R. Cutajar spjega li jista' jintuża dan il-Misraħ ukoll, peress li huwa previst li jkun hemm parteċipazzjoni ikbar minn edizzjonijiet oħra. Ġie spjegat li għaddejjin kuntatti dwar l-inklużjoni tal-attrazzjonijiet li ġejjin:

- Wirja ta' xogħlijiet mill-*Association of Model Engineers*;
- *Disney Magical Parade* fis-17 ta' Diċembru li tinkludi sfilata minn personaġġi mlibbsa l-kostumi popolari fost it-tfal;
- *Kitty's Wonderland – Santas Grotto* – imtellgħa minn Maria Alison;
- *Luna Park* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- Attivita` għall-Anzjani fit-18 ta' Diċembru filgħodu;
- Attivita` għaż-żgħażagħ u persuni bi bżonnijiet speċjali;
- *Street/Stage Performances* mill-*United World College of the Adriatic* bejn is-17 u l-21 ta' Diċembru;
- Kunċert mit-*tribute band* Ingliża Pink Floydish fit-19 ta' Diċembru li tinvolvi spiża ta' €3,000, flimkien ma' €698 għall-biljetti tal-ajru;

- Kunċerti minn mużiċisti u għaqdiet Melleħin;
- Wirja ta' presepji;
- Presepju ħaj;
- Purċissjoni f'lejlet il-Milied;
- *Christmas breakfast* fil-lejl tal-Milied;
- Wirja ta' kartolini mit-tfal li attendew AvventuraSajf 2011;
- *Stands* tal-ikel u ħelu minn għaqdiet Melleħin;
- *Cocktail bar*;
- *Stands* għal bejgħ ta' prodotti tal-ikel tradizzjonali li jkunu barra t-tinda l-kbira;
- *Stand* għal bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u awturi Melleħin
- Siġra kbira tal-Milied;

10.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sejħa għall-istimi dwar il-kiri tat-tinda, id-dawl, u s-*sound*. Dwar l-ispejjeż, ġie spjegat li huwa ttamat illi jiġu allokati fondi taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, kif ukoll ser isiru sforzi sabiex jinġieb *sponsorship* bil-għan li jitnaqqas l-infieq minn fondi ordinarji tal-Kunsill.

10.4. Fuq suġġeriment li kien hemm, partikularment wara l-edizzjoni 2010, is-Sindku ppropona li l-park jitħalla taħt it-tinda, mal-ġenb tal-knisja, filwaqt li l-i*stands* tal-ikel għandhom jitpoġġew fuq in-naħa opposta. Dan bil-għan li n-nies jitqassmu aħjar u mhux wieħed itellef lill-ieħor.

10.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa aktar 'il fuq.

## 11.1. Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li f'dak li jirrigwarda permessi tal-MEPA, inħarġu erba' u għad fadal li jiġu pproċessati tnejn oħra.

11.3. Is-Segretarju nforma illi l-MEPA qed tisiġi li qabel jinħareġ il-permess formali fir-rigward ta' PA 2371/09, PA 2372/09, PA 2374/09 u PA 2377/09, il-Kunsill intalab jagħmel garanziji bankarji li jammontaw għal €12,700. Fil-każ tal-applikazzjonijiet li għadhom qed jiġu pproċessati – PA 2368/09 u PA 2370/09 – il-MEPA mistennija li timponi l-istess kundizzjoni.

11.4. Il-Kunsill innota progress li kien hemm fuq dan il-proġett.

## 12.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

12.2. Is-Sindku rrefera għal xogħol fuq bdil ta' katusi li sar fil-latrina pubblika illi tinsab fil-misraħ imsemmi. Huwa qal li s-sistema tad-drenaġġ f'istess latrina ma baqgħetx tiffunzjona peress li l-għeruq tas-siġar tal-ficus ippenetraw fihom. Huwa wera xi ritratti li juru dan.

12.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li huwa bl-ebda mod ma' huwa kontra t-tisbiħ tal-misraħ, iżda tenna li s-siġar eżistenti issa saru parti mill-karatteristiċi tal-pjazza. Il-penetrazzjoni tal-għeruq kienet ikkawżata bin-nuqqas ta' konkos madwar l-istess katusi. Qal ukoll li l-għeruq tas-siġar jistgħu jiġu mrażżna permezz ta' *root barriers*.

12.4. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li r-ritratti juru biċ-ċar li l-għeruq saddu l-katusi, iżda ġibed l-attenzjoni li t-tneħħija tas-siġar żgur li ser taħsad lil kull min huwa midħla tal-post. Huwa talab ukoll li jingħata pjanta approvata mill-MEPA.

12.5. Il-Kunsillier H. Fenech irrimarka li filwaqt illi n-nuqqas temporanju tas-siġar ser joħloq impatt viżwali, min-naħa l-oħra huwa meħtieġ.

12.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna li diġa ġew identifikati postijiet alternattivi għas-siġar eżistenti, liema postijiet kienu approvati mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-MEPA. Huwa fakkar ukoll li ser jitħawwlu siġar oħrajn illi ma' iħamġux biż-żerriegħa li taqa' minnhom u jattiraw l-għasafar.

12.7. Is-Sindku reġa ntervjena billi qal li ma jagħmilx sens illi jsir investiment qawwi fit-tisbiħ tal-misraħ u ma jiġix trattat l-inkonvenjent u l-ħsara li qed jikkawżaw is-siġar tal-ficus. Minbarra li dawn qed iżommu lin-nies milli jieqfu taħthom, nies esperti f'dan il-qasam jikkontendu li għalkemm jista' isir eżerċiżżju biex jiġu kkontrollati l-għeruq, fi żmien ħames snin dawn jergħu jiġu għalli kienu, b'detriment għall-paviment li jkun sar. Is-Sur R. Cutajar għarraf li bi ftehim mal-Kappillan, il-lapida kommemorattiva li tfakkar id-data meta nġieb l-ilma fil-Mellieħa, għandha tiġi mressqa aktar lejn il-bieb tal-Bitħa tas-Santwarju, fejn il-pubbliku jista' jaraha aħjar. Iktar lejn in-nofs ssir *water feature* u titqiegħed pompa tal-ilma antika. Filwaqt li l-misraħ ser jinbidel f'żona pedonali, is-sidien tal-garaxxijiet li hemm fil-misraħ ser ikollhom faċilita` li jneħħu l-*bollards*, kif ukoll ser ikun postijiet riżervati għall-vetturi tal-Pulizija u għall-persuni b'diżabilita`. Kompla jgħid ukoll li bi ftehim mal-operatur ta' Henry's Garage, l-aperturi tal-aluminju eżistenti jistgħu jinbidlu ma' oħrajn tal-injam. Jeħtieġ ukoll li jitfassal dokument tal-offerta dwar il-puġġaman tal-ħadid, il-pavimentar u l-għamara meħtieġa. Huwa ttamat li dan il-proġett jiġi ffinanzjat permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013.

12.8. Il-Kunsill qabel li jinbeda x-xogħol hekk kif jiġu konklużi is-sejħiet tal-offerti kmieni fl-2012;

## 13.1. *Centre strip* fi Triq il-Marfa bi dritt Triq Għajn Tuta (T/3/3/Vol IV)

13.2. Is-Sindku aċċenna għar-rappreżentazzjonijiet li kienu għamlu persuni li għandhom raba' fl-inħawi msemmija dwar l-inkonvenjent li ser jinħolqilhom bil-kostruzzjoni ta' *centre-strip* fit-triq il-ġdida tal-Marfa. Huwa għarraf li Transport Malta laqgħet it-talbiet li saru, u ressqet emenda lill-MEPA biex l-inkonvenjent jiġi eliminat.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Servizz bil-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

14.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li l-*feeder line* 131 ta' Santa Marija Estate spiċċat, iżda xorta waħda għadha tidher fuq is-sit elettroniku ta' Arriva Malta Ltd. Qal ukoll ir-rotta X1 hija iktar intiża sabiex taqdi l-passiġġieri li jiġu bil-vapur t'Għawdex milli biex tgħabbi nies mill-Mellieħa. Dan huwa evidenti mill-fatt li l-iskeda tal-ħinijiet hija abbinata ma' dik tal-vapur t'Għawdex.

14.3. Is-Sindku aċċenna li ntbagħtet ittra lir-residenti kollha tal-Mellieħa u l-Manikata fejn ġew infurmati li l-Kunsil qed jipproponi soluzzjonijiet intiżi li jtejbu s-servizz. Huwa fakkar li b'riżultat tal-kuntatti li diġa kien hemm mal-partijiet konċernati, fix-xahar ta' Novembru 2011 ser jidħlu fis-seħħ tibdil wara li ġew evalwati l-ilmenti li kien mill-pubbliku. Fost dan, is-Sur R. Cutajar aċċenna li ser tiġi ntrodotta rota ġdida bin-numru 232, lejn l-Isptar Mater Dei, li ser titlaq mill-*interchange* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, tinżel tul Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, iddur għal Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq Qasam Barrani u Triq Lewis Wettinger. Huwa rrimarka wkoll li kull ma jmur jidher li s-servizz qed jitjieb, meta jitqies ukoll li issa ir-Rotta 41 m'għadiex tidħol Buġibba u l-Qawra.

## 15.1. Użu ta' roti motorizzati (C/6/Vol VI)

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li ħafna nies qed jilmentaw min-numru ta' tfal u żgħażagħ li qed jiġġerew fit-toroq b'roti (bicycles) li ġew motorizzati lokalment. Dawn qed jagħmlu hekk mingħajr liċenżja tas-sewqan u polza ta' assikurazzjoni, minbarra l-fatt li huma taħt l-eta` u hekk ma jikkwalifikawx għal liċenzja tas-sewqan.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Pulizija.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-9.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2011, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**